MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 341/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Susanna Zammit**
**Joseph Dalmas**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Susanna Zammit fil- kapacita' taghha ta' direttur tal-kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd u lil Joseph Dalmas fil- kapacita' tieghu ta' Operations Manager talli fil- 31 ta' Awwissu 2008 ghal habta tal-5.30am f' Tas- Sliema b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew fil- professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga' gravi Ahmed Ibro Muliddin hekk kif iccertifika Dr. J. Joslin MD u dan ai termini tal- Artikoli 218, 226 (1)(a) tal- Kodici Krimiali tal-Kap 9;

2. Akkuzati wkoll talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi u fix- xhur ta’ qabel, naqsu milli jharsu s- sahha u ssigurta’ tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol u dan ai termini tal- Artikoli 6 (1) (2) tal- att 27/2000 Kap 424;

3. Akkuzati wkoll talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, u fix- xhur ta’ qabel, bhala persuni li jhaddmu, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu jew li jizguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal- perikli ghas- sahha u s- sigurta’ kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il- post tax- xoghol u r- riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l- aspetti kollha tal- attivita’ tax- xoghol. Dawn l- evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir- riskji ghas- sahha u s- sigurta’ tal- haddiema u tal- persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix- xoghol, inkluz dawk li jzuru l- post tax- xoghol, liema riskji jirrizultaw mix- xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit- tmexxija tal- impriza u dan ai termini tal- Artikolu 10 (1) tal- A.L.36/03;

4. Aktar talli fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi u fix- xhur ta’ qabel, bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil- pussess taghhom kopja bil- miktub jew li tista’ tinkiseb b’ mod elettroniku dawn l- evalwazzjonijiet u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini tal- Artikolu 10 (2) tal- A.L. 36/03;

5. U aktar talli fil- kapacita’ taghhom ta’ persuni li jhaddmu jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id- disposizzjonijiet specifikat fi Skeda 2 tal- Ordni u jizguraw li fejn hemm il- prezenza ta’ aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl- istess hin aktar minn oggett wiehed ta’ taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa’ jkun effettiv kontra rriskju jew riskji involuti. Naqsu wkoll li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta’ uzu ta’ taghmir protettiv personali, b’ mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas- serjeta’ tar- riskju, il- frekwenza ta’ kemm bniedem ikun espost

ghar- riskju, il- karatteristici tal- post tax- xoghol ta' kull haddiem u l- operazzjoni tat- taghmir protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic- cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda tiehu l- mizuri kollha xierqa sabiex jizguraw li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti. Naqsu li jizguraw li dan it- taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it- taghmir jkun jiffunzjona tajjeb u jkun f' kundizzjoni igenika tajba permezz tal- manutenzjoni, ittiswija u t- tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqsu li jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir- riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsulat ir- Rapprezentant ghas- Sahha u s-Sigurta' tal- Haddiema u dan ai termini tal- Artikoli 4,5,6,7,8,10 (1) (2), 11 u 17 tal- A.L 121/03;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2010, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 218, 226(1) (a) tal- Kapitolu 9, 6 (1) (2) tal- Att 27/2000 tal- Kapitolu 424, 10 (1) tal- A.L. 36/03, 10 (2) tal- A.L. 36/03, 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1) (2), 11 u 17 tal-A.L 121/03 tal- Ligijiet ta' Malta; sabet lill- imputati hatja tat-tielet (3) u r-raba (4) akkuzi u ghaldaqstant ikkundannathom multa ta' elf ewro (€1,000) kull wiehed. Ma sabitx lill- imputati hatja tal- ewwel (1), it- tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2010 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza msemmija fis-sens illi:

- Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija fil-konfront tal-appellanti tat-tielet u r-raba' imputazzjoni;
- Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx htija tal-hames imputazzjoni;
- Thassarha u tirrevokaha fejn illiberat lill-appellati mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minflok ssib htija u tinfliggi l-piena kontra taghhom skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-13 ta' Lulju, 2010, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragonvoli tal-provi migbura u tal-interpretazzjoni tal-ligi in kwistjoni.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1)(c) tal-Kap 9 u l-artikolu 38(7) tal-Kap 424.

Illi ghandu jinghad minnufih illi dan l-appell jirrigwarda in-nuqqas ta' sejbien ta' htija taz-zewg appellati mill-ewwel zewg imputazzjonijiet. L-ewwel Qorti fis-sentenza msemmija spjegat li galadarba l-vittma beda ix-xoghol tieghu aktar kimieni mis-soltu u ghalhekk barra mil-hin tax-xoghol ordinarju allura dan il-fatt wahdu jiskolpa lill-imputati minn kollox. Sempliciment minhabba din ir-raguni l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fil-konfront taz-zewg imputati f'dak li jirrigqarda ir-reat ta' offiza gravi involontarja u r-reat simili li wiehed isisb fil-ligi tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xohgol (Kap 424). Fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fil-gudizzju taghha u dan ghaliex naqset milli tidhol aktar fil-fond fil-principji li jirrigwardaw partikolarment l-ligi specjali tas-sahha u s-sigruta` fuq il-post tax-xoghol. L-esponent jargumenta li ma jfissirx illi sempliciment ghax l-impjegati taghhom bdew ix-xoghol aktar kmieni mis-soltu allura dan awtomatikament jiskolpa liz-zewg appellati mir-responsabilita` taghhom versu l-impjegati. Din il-konsiderazzjoni hija wahda zbaljata u dan l-appell gie intavolat propju sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija u b'mod partikolari tal-applikazzjoni tal-ligijiet in kwistjoni.

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzjoni ippruvat li Ahmed Ibro Muliddin kien impjegat mal-kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd u xogholu kien li jigbor l-iskart. Gie ppruvat li d-direttrici ta' din il-kumpanija hija l-appellata Susanna Zammit u l-Manager huwa Joseph Dalmas. Gie ppruvat wkoll li waqt li Muliddin kien qieghed jahdem huwa sofra griehi ta' natura gravissima u cioe` l-amputazzjoni tas-swaba ta' siequ x-xellugija. Gie ppruvat

wkoll li dan l-incident sehh meta habel propjeta ta' l-istess kumpanija qabad ma sieq il-vittma u bil-konsegwenza li s-swaba ta' siequ gew maqtugha.

Illi l-artikolu 225 u 226(1) tal-Kap 9 jghidu illi *kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni teighu, jew* *<u>b'nuqqas ta' thairs ta' regolamenti</u>* *jikkaguna offiza fuq il-persuna...*

Illi ghalhekk l-esponent jargumenta li r-responsabilita` kriminali taz-zewg appellati tinkwadra ruha perfettament f'dan ir-reat fis-sens illi peress li kien hemm nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, fil-kaz taghna r-regolamenti tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, huma involontarjament ikkagunaw offiza gravissima fuq il-persuna ta' Ahmed Ibro Muliddin. Fil-kaz in ezami interessanti wiehed jinnota kif iz-zewg appellati instabu hatja tat-tielet u r-raba imputazzjoni u cioe` li naqsu milli jaghmlu risk assessment sabiex jigi evitat dannu fiziku/korriment fuq il-post tax-xoghol. Pero` nonostante li l-Ewwel Qorti accettat dan in-nuqqas ta' tharis ta' regolamenti dehrilha xorta wahda li dan kollu ma jwassalx ghal-sejbien ta' htija ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Fl-umli fehma ta' l-esponent kieku dan ir-risk assessmetn sar, dan l-incident sfortunat kien jigi evitat. L-iskop ta' risk assessment hu li tidentfika l-perikoli u tiehu l-mizuri sabiex tnaqqs jew teliminah. Iz-zewg appellati naqsu palesement li jaghmlu dak ix-xoghol ta' kontroll u monituragg tal-mizuri preventivi u protettivi fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk kellhom jinstabu hatja tal-ewwel zewg akkuzi wkoll. L-appellati naqsu milli jiehdu dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega skond il-ligi sabiex jigu evitati korrimenti u mwiet fuq il-post tax-xoghol.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datata 11 ta' Dicembru, 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Magro per Imhallef J. Galea Debono fejn gie stabbilit li galadarba dan ir-risk assessment ma sarx allura l-imputazzjoni ibbazata fuq l-artikolu 6(1) tal-Kap 424 hija ppruvata u hemm sejbien ta' htija. Fil-kaz taghna nonostante li l-Ewwel Qorti sabet htija ghaliex ma sarx dan ir-risk assessment stranament xorta

illiberat lill-appellati mit-tieni akkuza ibbazata propju fuq l-artikolu 6(1) tal-Kap 424.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi certu Ahmed Ibro Muliddin, impjegat mal-kumpanija Greenlines Environmental Services Limited, illi taghha hija d-direttrici l-appellata Suzanna Zammit u l-manager huwa l-appellat Joseph Dalmas, fil-31 ta’ Awissu 2008 ghall-habta ta’ 5.30 a.m. kien qieghed jahdem fuq xoghol ta’ gbir ta’ skart fl-inhawi ta’ Tower Road, Sliema. Hin minnhom waqt li Muliddin kien gewwa l-kabina tat-truck misjuq minn Mario Ebejer habel li kien gewwa din l-istess kabina inqabad minn wahda mir-roti tat-truck bil-konsegwenzi illi dan ingibed b’sahha, qabad ukoll ma’ sieq Muliddin u minhabba f’hekk dana sofra griehi ta’ natura gravissima, u cioe` kellu s-swaba ta’ saqajh maqtughin kompletament.

L-aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda n-nuqqas ta’ sejbien ta’ htija taz-zewg appellati mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

L-Ewwel Qorti argumentat li gja ladarba l-vittma beda x-xoghol tieghu aktar kmieni mis-soltu u ghalhekk barra mill-hin tax-xoghol ordinarju, allura dan il-fatt wahdu jiskolpa lill-imputati minn dawn l-imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti meta lliberat lill-appellati mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u dana ghar-ragunijiet segwenti.

Filwaqt illi huwa minnu illi Muliddin u Ebejer bdew ix-xoghol aktar kmieni milli suppost dawna kellhom access ghall-apparat tal-kumpanija u uzaw vetturi tal-kumpanija biex iwettqu x-xoghol taghhom. Ma rrizultax illi hadu l-vettura b’mod klandestin u lanqas ma rrizulta illi l-kumpanija kienet espressament tipprojbixxi lill-impjegati taghha illi jibdew ix-xoghol aktar kmieni. Dan ifisser li fi kwalunkwe hin l-appellati kellhom id-dmir u d-dover illi jassiguraw illi ma jkunx hemm perikoli ghall-haddiema taghhom fuq il-lant tax-xoghol bil-vetturi tal-kumpanija. Il-gbir ta’ skart mhuwiex minghajr il-perikoli tieghu, b’haddiema jahdmu wara t-truck f’nofs it-triq bil-karozzi ghaddejjin il-hin kollu, b’ »hydraulic rams » ta’ sahha kbira illi joperaw ftit pulzieri l-boghod mill-istess haddiema. Tajjeb illi l-kumpanija tipprovdi « safety boots » u apparat iehor ta’ sigurta` ghall-haddiema u spetta ghall-istess haddiema illi jaghmlu uzu minn dan l-apparat ta’ sigurta`.

Ghalhekk l-appellati bhala responsabbli ghall-kumpanija ghandhom jassiguraw li l-vetturi jkunu liberi minn kwalunkwe xkiel jew perikli ohra li jistghu jikkawzaw hsara lill-haddiema. Fost dawn ghandhom jassiguraw illi fil-kabina ma jkun hemm xejn x’jimpedixxi s-sewqan tax-xufier kif ukoll min jkun bil-qeghda ma genbu.

L-appellati kellhom ikunu f’posizzjoni illi jipprevedu illi jekk ikun hemm affarijiet mhux awtorizzati fil-kabina, u anki f’postijiet ohra fil-vettura dawna jistghu jikkagunaw hsara lill-haddiema. Dan ir-riskju jista` jkun minimizzat bi twettieq ta studju li jidentifika l-perikoli u jissugerixxi mizuri sabiex dak il-perikolu jitnaqqsu jew jigu eliminati.

Iz-zewg appellati naqsu milli jaghmlu dak ix-xoghol ta’ kontroll u moniteragg tal-mizuri preventivi u protettivi fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skond il-ligi sabiex jigu evitati korrimenti u mwiet.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti « Il-Pulizija vs John Magro » deciza 11-12-2008 fejn gie stabbilit li ga ladarba dan ir-« risk assessment » ma sarx allura l-imputazzjonijiet

ibbazati fuq l-artikolu 6(1) tal-Kap. 424 hija ppruvata u hemm sejbien ta' htija.

Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-argument tal-Avukat Generali illi ghandu jkun hemm sejbien ta' htija taht l-ewwel zewg imputazzjonijiet, b'dana pero` ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni b'fattur kontributorju minn naha tal-vittma peress illi dan volontarjament ma libisx ilbies protettiv illi kien provdut mill-kumpanija.

Ghal dawn il-motivi taqta` u tiddeciedi illi tikkonferma l-ewwel sentenza f'dik il-parti fejn sabet htija fil-konfront tal-appellati, tat-tielet u r-raba` imputazzjoni, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn ma sabitx htija tal-hames imputazzjoni, thassar u tirrevoka fejn illiberat lill-appellati mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellati hatjin tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u tikkundannhom ghall-multa ta' elf Ewro (€1000) kull wiehed ghall-ewwel imputazzjoni u multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1500) kull wiehed ghall-fini tat-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------